



Brussell, 20 ta' Ġunju 2023
(OR. en)

Fajls Interistituzzjonali:
2023/0118(NLE)
2023/0019(NLE)
2023/0117(NLE)

9762/23
ADD 1

LIMITE

PECHE 207

NOTA

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Delegazzjonijiet

Suġġett: 1. Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja ta' Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Madagascari u tal-Protokoll ta' Implimentazzjoni tiegħu (2023-2027)
- Adozzjoni
2. Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja, ta' Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Madagascari u tal-Protokoll ta' Implimentazzjoni tiegħu (2023-2027)
- Qbil fil-prinċipju
- Talba għall-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew
3. Proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd skont il-Protokoll ta' Implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Madagascari
- Adozzjoni
- Dikjarazzjonijiet

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness id-dikjarazzjonijiet mill-Kummissjoni.

Dikjarazzjonijiet mill-Kummissjoni

Dwar id-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli (SFPA) mar-Repubblika ta' Madagascar u l-Protokoll ta' Implimentazzjoni tiegħu (2023-2027) (dikjarazzjoni li għandha tiżdied mal-minuti kemm tal-Coreper kif ukoll tal-Kunsill, fil-mument tal-adozzjoni)

Permezz tas-sentenza tagħha fil-kawżi magħquda C-103/12 u C-165/12 (il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni vs. il-Kunsill), il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat biċ-ċar li d-deċiżjonijiet b'rabta mal-konklużjoni tal-ftehimiet esterni dwar is-sajd jidħlu għalkollox fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 43(2) tat-TFUE (flimkien mal-proċedura applikabbli tal-Artikolu 218 tat-TFUE, jiġifieri l-Artikolu 218(6)(a)(v) għad-deċiżjonijiet dwar il-konklużjoni tal-ftehimiet), u ċaħdet il-pożizzjoni li t-tali deċiżjonijiet jistgħu b'xi mod jidħlu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 43(3) tat-TFUE.

Fir-rigward tad-Deċiżjonijiet dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja kif ukoll dwar il-konklużjoni ta' Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Madagaskar u tal-Protokoll ta' Implimentazzjoni tiegħu (2023-2027), il-Kummissjoni jiddispjaċiha għall-emenda tal-Kunsill li tissostitwixxi l-bażi legali sostantiva tal-Artikolu 43(2) tat-TFUE bl-Artikolu 43 (mingħajr ma jissema l-paragrafu).

Għalkemm ma topponix l-adozzjoni tal-emenda tal-Kunsill b'vot ta' maġġoranza kwalifikata, il-Kummissjoni tirriżerva d-drittijiet kollha tagħha f'dan ir-rigward.

Dwar id-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja ta' Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli (SFPA) mar-Repubblika ta' Madagascar u l-Protokoll ta' Implimentazzjoni tiegħu (2023-2027) (dikjarazzjonijiet li għandhom jiżdiedu mal-minuti kemm tal-Coreper kif ukoll tal-Kunsill, fil-mument tal-adozzjoni)

Dikjarazzjoni 1

Il-Kummissjoni tqis li d-Deċiżjoni dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli u tal-Protokoll ta' Implimentazzjoni tiegħu jenħtieġ li tirreferi għall-persuna maħtura min-negozjatur bħala dik li għandha tingħata s-setgħa li tiffirma. Għalhekk, il-bidliet li jipprevedu li l-President tal-Kunsill jaħtar il-persuna li għandha tiffirma l-ftehim f'isem l-Unjoni mhumiex f'konformità mat-Trattati.

L-atti kollha ta' rappreżentanza esterna fil-proċess tat-tfassil tat-trattati, inkluż il-firma ta' ftehim internazzjonali u l-espressjoni sussegwenti tal-kunsens li tintrabat bih, huma f'konformità mal-Artikolu 17(1) tat-TUE, il-prerogattivi istituzzjonali tal-Kummissjoni, għajr dawk l-atti li jappartjenu għal ftehimiet li huma esklussivament jew b'mod predominanti tal-politika estera u ta' sigurtà tal-Unjoni, meta f'dak il-każ ikun ir-Rappreżentant Għoli li jirrappreżenta lill-Unjoni esternament skont l-Artikolu 27(2) tat-TUE. Mingħajr preġudizzju għal din l-eċċezzjoni, meta l-Kummissjoni u attur ieħor deżinjat mill-Kunsill, jiffirmaw b'mod konġunt ftehim internazzjonali f'isem l-Unjoni, il-firma tal-Kummissjoni biss torbot lill-Unjoni.

Il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li prattika konsistenti tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni li ma tkunx konformi mat-Trattati tal-UE "ma tistax temenda r-regoli tat-Trattati li l-istituzzjonijiet huma obbligati josservaw" (il-Kawża C-687/15 Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill, EU:C:2017:803, il-paragrafu 42).

Għalkemm ma topponix l-adozzjoni tal-emenda tal-Kunsill b'vot ta' maġġoranza kwalifikata, il-Kummissjoni tirriżerva d-drittijiet kollha tagħha f'dan ir-rigward."

Dikjarazzjoni 2

Permezz tas-sentenza tagħha fil-kawżi magħquda C-103/12 u C-165/12 (il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni vs. il-Kunsill), il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat biċ-ċar li d-deċiżjonijiet b'rabta mal-konklużjoni tal-ftehimiet esterni dwar is-sajd jidħlu għalkollox fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 43(2) tat-TFUE (flimkien mal-proċedura applikabbli tal-Artikolu 218 tat-TFUE, jiġifieri l-Artikolu 218(6)(a)(v) għad-deċiżjonijiet dwar il-konklużjoni tal-ftehimiet), u ċaħdet il-pożizzjoni li t-tali deċiżjonijiet jistgħu b'xi mod jidħlu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 43(3) tat-TFUE.

Fir-rigward tad-Deċiżjonijiet dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja kif ukoll dwar il-konklużjoni ta' Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Madagaskar u tal-Protokoll ta' Implimentazzjoni tiegħu (2023-2027), il-Kummissjoni jiddispjaċiha għall-emenda tal-Kunsill li tissostitwixxi l-bażi legali sostantiva tal-Artikolu 43(2) tat-TFUE bl-Artikolu 43 (mingħajr ma jissemma l-paragrafu).

Għalkemm ma topponix l-adozzjoni tal-emenda tal-Kunsill b'vot ta' maġġoranza kwalifikata, il-Kummissjoni tirriżerva d-drittijiet kollha tagħha f'dan ir-rigward.